**27 ta' Ġunju, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Carmelo Calleja

*versus*

Dottor Frank Xavier Vassallo

**Avukat — Danni.**

*L-avukat li jonqos milli jipprezenta fiż-żmien legali ċitazzjoni fl-interess tal-klijent hu ħati ta' nkurja gravi li tirrendieh responsabbli għad-danni li dak in-nuqqas jikkaġuna lill-klijent.*

*Mhix aċċettabbli l-allegazzjoni illi l-avukat mhux waħda minn dawk il-persuni li jistgħu jippreżentaw skritturi, jekk hu kellu l-inkarigu li jieħu ħsieb il-preżentata ta' dik iċ-ċitazzjoni. Hu messu ħa ħsieb jikkonfezzjonaha u jqabbad il-prokuratur legali, tiegħu jew ieħor, jew lill-istess klijent, biex jippreżentaha fit-terminu preskritt.*

*Lanqas hi aċċettabbli l-iskuża illi hu ried, qabel ma jippreżenta ċ-ċitazzjoni, jara proċess fir-Reġistru tal-Qorti, u dan hu ma setgħax jarah fiż-żmien preskritt għax il-proċess ma kienx il-Qorti u ma kienx disponibbli għalieh, non ostante li għamel li seta' biex iġibuhulu fiż-żmien preskritt. Jekk verament hu kellu dan il-bżonn u ma setgħax jottjeni l-proċess fil-waqt, messu almenu talab proroga tat-terminu li fih kellu jippreżenta dik iċ-ċitazzjoni, u mhux ihalli t-terminu jiskadi u jitlob mbgħad restituzzjoni "in integrum", jew terminu ġdid biex fih jippreżenta ċ-ċitazzjoni.*

*Fl-aħħarnett, mhix f'lokha l-osservazzjoni tal-avukat konvenut biex jiġi dikjarat responsabbli għad-danni, fis-sens illi għandhom jinstemgħu l-provi "prima facie" tad-danni qabel ma ssir id-deklaratorja tar-responsabbilta' tiegħu; għax deklaratorja simili ma tippreġudikax bl-ebda mod il-*

*kwistjoni tal-eżistenza, tal-kwantita' u tal-kwalita' taddannu.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li jippremetti illi l-konvenut ġie minnu affidat bl-inkarigu li jiddefendieh f'kawża ta' jattanza magħmula mill-Kurunell Albert Mallia u jmexxi l-quddiem kontra l-istess Mallia l-pretensjoni tiegħu għal danni minħabba l-aġir illegali tiegħu in konnessjoni ma' "claim' ta' assikurazzjoni; u illi fuq dan l-inkarigu l-konvenut ippreżenta kontra l-imsemmi Mallia ċitazzjoni quddiem din il-Qorti, u billi deherlu li kienet quddiem Qorti mhux kompetenti, ċeda l-istess kawża fit-13 ta' Frar 1958 mingħajr ma ppropona l-ebda kawża oħra; u baqa' ma ppreżenta l-ebda kawża oħra fit-terminu mogħti fil-kawża tal-jattanza, b'mod illi lilu ġie mpost il-perpetwu silenzju fuq il-pretensjoni tiegħu b'sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Mejju 1958, u b'hekk, mhux biss tilef id-drittijiet tiegħu kontra l-Kurunell Mallia, imma ġie kundannat iħallas l-ispejjeż tal-kawża kollha oltre li jidher li għandu wkoll iħallas l-ispejjeż talkawża ċeduta, u b'hekk huwa sofra danni minħabba l-aġir tal-konvenut kolpuż; jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, (a) il-konvenut jiġi dikjarat responsabbli lejh għad-danni minħabba l-aġir tiegħu kolpus fl-esplikament tal-inkarigu lilu mogħti minnu kif fuq spjegat, (b) u l-konvenut jiġi kundannat iħallsu d-danni li tagħhom il-konvenut hu responsabbli, liema danni għandhom jiġu likwidati minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qortti tal-24 ta' Marzu 1960, li biha ddeċidiet billi, prevju riġett tal-eċċezzjonijiet talkonvenut, laqgħet l-ewwel domanda, u ddikjarat lill-istess konvenut responsabbli lejn l-attur għad-danni li dan seta' sofra minħabba l-aġir kolpuż tal-konvenut fl-esplikament tal-inkarigu lilu mogħti mill-attur. L-ispejjeż iħallashom il-konvenut; u iddifferiet il-kawża "sine die", riappuntabbli wara li s-sentenza tgħaddi f'ġudikat, għat-

trattazzjoni u definizzjoni tat-tieni domanda dedotta fiċ-ċitazzjoni; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-kawża, fil-qosor, huma dawn:—

L-attur inkariga lill-konvenut biex jiddefendieh f'kawża ta' jattanza promossa kontra tiegħu mill-Kurunell Albert Mallia u biex imexxi l-quddiem kontra l-imsemmi Mallia l-pretensjoni tiegħu għal xi danni minħabba l-aġir illegali tiegħu in konnessjoni ma "claim" ta' assikurazzjoni. Din il-kawża, preżentata quddiem din il-Qorti fil-25 ta' Ġunju 1957, kienet appuntata għall-14 ta' Ottubru sussegwenti. Il-konvenut ma ppreżentax nota tal-eċċezzjonijiet f'isem l-attur f'dik il-kawża; imma fit-8 ta' Novembru 1957 huwa ppreżenta f'isem l-attur ċitazzjoni, ukoll quddiem din il-Qorti, kontra l-istess Kururnell Mallia personalment għad-danni; u in vista ta' din it-tieni kawża l-ewwel kawża ġiet differita "sine die", riappuntabbli anki a domanda verbali. Din it-tieni kawża, il-konvenut, billi ġie rinfaċċjat bl-eċċezzjoni ta' inkomptenza "ratione materiae" mill-Kurunell Mallia, fit-13 ta' Frar 1958 ċediha biex jiddiriġi ruħu aħjar. Però, din il-kawża huwa ma pproponijhiex, u għalhekk, fuq talba tal-Kurunell Mallia magħmula fil-25 ta' Frar 1958, l-ewwel kawża ġiet riappuntata għall-20 ta' Marzu 1958, meta, fuq insistenza tal-Kurunell Mallia, u wara dikjarazzjoni tal-konvenut li huwa ma setgħax jirriproponi l-kawża msemmija, ċjoè jiddeduċi l-pretensjoni tal-attur, qabel ma jirrifondi l-ispejjeż tal-kawża minnu ċeduta, billi sa dak inhar kienu għadhom ma ġewx tassati, il-kawża ġiet differita għas-sentenza għat-18 ta' April 1958;

F'din l-aħħar data, l-ewwel kawża ġiet deċiża fis-sens li l-Qorti pprefiġġiet lill-attur, konvenut, f'dik il-kawża, sitt ijiem żmien biex jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu skond il-liġi, u ddifferiet il-kawża għat-28 ta' April 1958, biex tieħu konjizzjoni tat-tieni domanda, jekk ikun il-każ. Dak it-terminu ta' sitt ijiem skada inutilmet fl-24 ta' April 1958; u fil-25 ta' dak ix-xahar il-konvenut, f'isem l-attur, ippre-

żenta rikors li bih talab li l-Qorti tipprefiġġilu u tirrinnovalu terminu ġdid biex fih jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu, għaliex kien fl-impossibbilità li jiddeduċi dik il-pretensjoni fit-terminu kif ġie mogħti, billi ma setgħax jeżamina l-ittri kontenenti l-millantazzjoni li kienu eżibiti fil-proċess, billi dan il-proċess ma kienx il-Qorti. It-talba kontenuta f'dak ir-rikors ġiet respinta fis-sentenza mogħtija fid-29 ta Mejju 1958, li biha din il-Qorti laqgħet it-tieni domanda dedotta mill-Kurunell Albert Mallia fl-ewwel kawża, u lill-attur, konvenut f'dik il-kawża, ġie mpost il-perpetwu silenzju fuq il-pretensjoni tiegħu, bl-ispejjeż kollha tal-kawża;

Illi l-attur jippretendi li l-konvenut kien kolpus fl-esplikament tal-inkarigu minnu mogħti lilu, u qiegħed ifittxu għad-danni minnu pretiżi sofferti, bħala responsabbli għalihom. Il-konvenut jiddeklina din ir-responsabbiltà, għaliex (a) ma kienx dover tiegħu li jippreżenta ċ-ċitazzjoni msemmija mill-attur, billi mhux kompitu tal-avukat li jippreżenta atti fir-Reġistru, (b) l-attur ma ħallasx lill-kontroparti l-ispejjeż tat-tieni kawża, u għalhekk huwa ma setgħax jipproponi kawża oħra għall-istess azzjoni qabel ma dawn l-ispejjeż ikunu tħallsu, (ċ) u huwa kien fl-impossibbiltà li jiddeduċi l-pretensjoni tal-attur fit-terminu mogħti ta' sitt ijiem, billi huwa kellu bżonn jeżamina l-ittri kontenenti l-millantazzjoni li kienu eżibiti fil-proċess tal-ewwel kawża, u dan il-proċess ma kienx disponibbli fir-Reġistru, imma kien id-dar tal-Onorevoli Mħallef li kien qiegħed jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, u, non ostante diversi insistenzi minnu magħmula, il-proċess ma nġiebx ħlief wara li kien skada t-terminu msemmi ta' sitt ijiem;

Illi fir-relazzjoni tiegħu l-perit legali jissottometti li l-argumenti li l-konvenut ġieb il-quddiem b'difiża tiegħu mhumiex sostenibbli. u ġie għall-konklużjoni li l-ewwel domanda tal-attur, intiża għad-deklaratorja tar-responsabbiltà tal-konvenut għad-danni minħabba l-aġir kolpus tiegħu fl-esplikament tal-inkarigu lilu mogħti mill-attur hi fondata, u timmerita li tkun milqugħa;

Illi din il-Qorti taqbel ma' din il-konklużjoni raġġjunta mill-perit legali, u kwindi tadottaha. Kif jingħad fir-relazzjoni, l-argumenti addotti mill-konvenut mhumiex aċċettabbli;

Mhux l-ewwel wieħed, għaliex hu veru li skond il-liġi l-avukat normalment mhux wieħed mill-persuni li jistgħu jippreżentaw l-iskritturi; imma l-pretensjoni tal-attur evidentement mhix dik li l-konvenut materjalment ma ppreżentax l-att taċ-ċitazzjoni ntiż għar-ripropożizzjoni tal-kawża msemmija, imma dik li huwa ma kkonfezzjonax dan l-att, u kwindi ma setgħax jiġi preżentat minn min għandu jew kellu jiġi hekk preżentat. Jiġi rilevat ukoll li kien il-konvenut, bħala l-avukat tal-attur u minnu nkarigat, li kellu jieħu ħsieb għall-preżentata tal-istess att, kieku ġie minnu konfezzjonat, billi jqabbad lill-prokuratur legali tiegħu, jew xi wieħed ieħor jew inkella, jekk ma jsibx dan il-prokuratur, jinforma lill-attur biex imur il-Qorti u jippreżenta dak l-att huwa stess — ħaġa li l-konvenut ma ppruvax li jagħmilha kif kellu jagħmilha la darba huwa kellu inkarigu mill-attur li jieħu ħsieb ta' kollox huwa;

Mhux sostenibbli t-tieni argument tal-konvenut; mhux biss għaliex dan qatt ma qal lill-attur kemm kienu l-ispejjeż tal-kawża ċeduta li kellhom jitħallsu lill-Kurunell Mallia jew lill-avukat tiegħu, imma wkoll għaliex, meta l-attur kien jistaqsieh jekk kellux iħallas xi spejjeż, huwa kien jirrispondieh li l-ispejjeż iħallashom huwa, u wara jgħidlu bihom;

Lanqas ma hu sostenibbli t-tielet argument; għaliex jekk talvolta fl-aħħar tliet ijiem tat-terminu prefiss mill-Qorti l-proċess imsemmi ma kienx għad-dispożizzjoni tal-konvenut bi ħtieġa tiegħu, hu ċert li fl-ewwel tliet ijiem, jew aħjar is-Sibt, l-għada li ngħatat id-deċiżjoni prefiġġenti dak it-terminu, u t-Tnejn, u anki t-Tlieta susseġwenti jekk mhux ukoll il-Ġimgħa, almenu wara nofs inhar, meta ġiet mogħtija dik id-deċiżjoni, il-konvenut kellu l-opportunità kollha li jara dak il-proċess il-Qorti, jekk verament kellu bżonnu. It-Tnejn, dak il-proċess kien il-Qorti għand il-kopisti; imma l-konvenut, li dak inhar

jgħid li kien mar fir-Reġistru tal-Qorti appuntu biex jara dak il-proċess, meta qalulu li kien għand il-kopisti, ma deherlux li jmur jeżaminah; dak inhar kien tliet ijiem qabel l-iskadenza tat-terminu. Kif jingħad fir-relazzjoni, ma jidherx li l-konvenut kellu bżonn jara dak il-proċess. F'dan ir-rigward jiġi osservat li l-konvenut jgħid li hu ried jara l-imsemmi proċess biex jeżamina l-ittri li kienu eżibiti fih, ċjoè lil min dawk l-ittri kienu ġew indirizzati mill-attur, hux ċjoè lill-Kurunell Mallia jew lid-ditta assikuratriċi. Skond id-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni, li ġiet preżentata fit-8 ta' Novembru 1957, il-konvenut dawn l-ittri kien rahom, u kien jaf li kienu ndirizzati lill-kumpannija u lill-Kurunell Mallia; kwindi ma jidherx li huwa kellu bżonn li jarahom għall-iskop minnu msemmi. Dan apparti, anki jekk ma baqgħax jiftakar xi ċirkustanza fuqhom, il-konvenut seta' faċilment javviċina lill-attur, li anzi, kif huwa jgħid, joqgħod viċin tiegħu, biex jaċċerta ruħu fuq kull ħaġa li talvolta kien jirrikjedi minn dawk l-ittri; dawk l-ittri kien kitibhom l-attur, u kwindi, anki jekk ma kellux kopja tagħhom, dan seta' jinforma lill-konvenut dawk l-ittri lil min kien indirizzahom;

Illi, kif issottometta l-perit legali, b'mod ċar u elaborat, iċ-ċirkustanzi msemmijin jieħdu ineluttabbilment għall-konklużjoni li kien hemm inkurja da parti tal-konvenut fil-li ħalla t-terminu ta' sitt ijiem jiskadi mingħajr ma ddeduċa b'kawża l-pretensjoni tal-attur kontra l-imsemmi Kurunell Mallia. Din l-inkurja l-konvenut għandu jirrispondi għaliha; għaliex, skond il-prinċipji stabbiliti mid-dottrina u l-ġurisprudenza dwar dak li jissejjaħ "errore professionale", min din ir-responsabbiltà hu eskluż l-iżball derivanti mhux minn negliġenza jew inkapaċità tal-professjonista, iżda dak li jkun ir-riżultat tal-inċertezza tal-istess professjoni; u l-iżball tal-konvenut kien appuntu dovut għal inkurja gravi;

Rat fol. 93 in-nota tal-appell tal-konvenut, u fol. 94 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ma hemmx bżonn li jiġu ripetuti l-fatti li taw lok għal dan il-proċess, peress li dawn huma diġà msemmija fil-parti espożittiva tas-sentenza tal-Ewwel Qorti "supra";

Minbarra r-raġunijiet kontenuti fis-sentenza appellata, din il-Qorti jidhrilha li għandha tagħmel ukoll dawn il-konsiderazzjonijiet li ġejjin;

Ma hux ta' importanza deċiżiva li jiġi ndagat kemm, preċiżament, ħalla jgħaddi żmien l-appellant qabel ma mar fir-Reġistru biex jara l-proċess wara li nqatgħet is-sentenza tat-18 ta' April 1958, li biha ġie prefiss it-terminu għad-deduzzjoni tal-pretiża millantata. Fatt hu li l-appellant mar qabel ma skada t-terminu, u fatt hu li kien ġustifikat jaħseb li l-proċess ikun fir-Reġistru jew jista' jinġieb ma-lajr; u ċ-ċitazzjoni "in subjecta materia" ma kienetx tal-ment komplikata li ma setgħetx isir fit-terminu, anki jekk l-appellant ħalla tant jew tant ġranet jgħaddu qabel ma mar fir-Reġistru, kif mar, qabel l-għeluq tat-terminu;

Lanqas jista' jingħad b'ċertezza li l-proċess baqa' fir-Reġistru f'dawk il-ġranet tal-ewwel. Mix-xhieda tal-iskrivan Vassallo fol. 84 jista' jidher li l-proċess ittieħed id-dar tal-Onorevoli Mħallef li quddiemu kienet il-kawża tal-jattanza. Ir-riljev magħmul mill-perit legali, fol. 63, ma hux għal kollox konvinċenti, għax jista' jagħti l-każ illi l-verbal fol. 13 tal-proċess "Mallia vs. Calleja", wara li kien ġie kkupjat mill-"Prime Note", seta' ġie nserit, għalkemm mhux regolarment, meta l-proċess ġie lura fir-Reġistru, appuntu għax dan ma kienx hemm. Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, fol. 104. dan ix-xhud Vassallo donnu reġa' rripeta dak li kien qal fil-kontro-eżami fol. 84;

Lanqas tidher taqbel mal-kwadru taċ-ċirkustanzi x-xhieda tal-"usher messenger" Joseph Cachia, li ċjoè l-proċess inġieb lura fir-Reġistru l-Erbgħa, fit-13 ta' April 1958; għax kieku kien hekk, ma tibqgħax kapibbli l-konversazzjoni li kellu mal-Onorevoli Mħallef l-iskrivan Vassallo fil-ġurnata tal-Ħamis, 24 ta' April, l-aħħar ġurnata tat-terminu;

Il-kwistjoni tar-responsabbiltà o meno tal-appellant tista', għalhekk, tiġi affrontata b'aktar sikurezza jekk wieħed jfieħu x-xhieda tiegħu stess fol. 31. Hu qal li l-Ħamis 24 ta' April (l-aħħar ġurnata tat-terminu) hu mar kmieni fir-Reġistru biex jara l-proċess tal-jattanza (ċitaz. 466/57), iżda qalulu li dan kien baqa' għand l-Onorevoli Mħallef, u hu nsista biex iġibuhulu dak il-jum stess. F'xi l-10.30 a.m. l-appellant reġa tela' fir-Reġistru, il-proċess ma kienx hemm, u l-Assistent Reġistratur u l-iskrivan Vassallo ordnaw messaġġier biex dak il-ħin stess imur iġib il-proċess. Fin-nofs sigħa l-appellant reġa' tela', u l-iskrivan irriferielu li s-sur Imħallef kien bagħat jgħidlu li l-proċess l-appellant ma kellux bżonnu. L-appellant reġa nsista, però l-iskrivan qallu li ma seta' jagħmel xejn;

Mela, minn din ix-xhieda tal-istess appellant jirriżulta li fl-aħħar ġurnata tat-terminu, fin-nofs sigħa, meta kien għad fadal prattikament sagħtejn u nofs għall-kjużura tar-Reġistru, l-appellant ġie definittivament konfrontat bis-sitwazzjoni li l-proċess tal-jattanza ma kienx sejjer ikun aċċessibbli, u li ntant it-terminu kien sejjer jagħlaq;

Għalhekk il-vera ndaġini hi dik dwar x'seta' jsir bl-eżerċizzju tad-diliġenza ordinarja f'dak l-intervall, tuttokkè qasir, li kien fadal;

L-appellant, kif inhu ovvju, seta' jagħmel immedjatament rikors għal proroga. It-terminu kien għadu ma għalaqx; u l-liġi, fl-art. 410 Kap. 15 Ediz. Riv., tivviżwalizza l-possibbiltà ta' proroga (ara wkoll Kollez. XVII-I-62). L-appellant seta' anki jippreżenta ċ-ċitazzjoni ta' deduzzjoni tal-millantazzjoni inattiża l-ispezzjoni tal-proċess. Minflok, l-appellant għamel rikors l-għada, meta t-terminu kien skada;

Issa, hi materja li għandu jaf kull eżerċent legali, li altru li tiġi mitluba proroga, u altru li tiġi mitluba restituzzjoni "in integrum" kontra d-dekorrenza tat-terminu. It-talba għall-proroga hi konfortata, fil-konkors ta' ġusta kawża, bid-dispost ġenerali tal-art. 103 Kap. 15, u f'din il-materja ta' jattanza anki bid-dispost speċifiku tal-art. 410.

Imma t-talba tar-restituzzjoni "in integrum" tippostula raġuni aktar gravi; anki għaliex bl-għeluq tat-terminu mhux prorogat il-kontroparti takkwista dritt, u kwindi talba simili għandha ferm anqas probabbiltà ta' suċċess. Ċert hu li anki kieku wieħed jipprospetta, per ipotesi, il-possibbiltà li anki t-talba għall-proroga kienet tiġi miċħuda, jibqa' dejjem li l-appellant naqas meta, minflok jagħmel rikors fit-terminu, b'aktar probabbiltà ta' suċċess, għamel rikors fwori termine b'anqas probabbiltà ta' suċċess. Hu utili li jiġi osservat li l-Qorti, fil-kawża tal-jattanza "de qua", irrespingiet id-domanda għar-"restitutio in integrum" appuntu għaliex dehrilha li għal talba simili l-kawża kellha tkun serja u ta' ċerta rilevanza;

Ingħad fuq li l-appellant seta' wkoll ippreżenta ċ-ċitazzjoni ta' deduzzjoni tal-pretiża millantata. Fatt hu, infatti, li fit-8 ta' Novembru 1957 l-appellant, bħala konsulent legali tal-attur, kien għamel ċitazzjoni li biha preċiżament iddeduċa l-millantazzjoni (ċitaz. 769/1957), u dan għamlu stante li f'Lulju 1957 l-attur, allura patroċinat mill-appellant, kien ġie notifikat biċ-ċitazzjoni tal-jattanza. Fatt hu wkoll li wieħed għandu jippreżumi li dik iċ-ċitazzjoni li biha ġew dedotti l-pretiżi tal-attur ma saretx leġġerment, imma bid-dovuta akkuratezza u b'attenzjoni li l-istanza kienet formulata tajjeb bħala ċitazzjoni. Fatt hu, infine li fl-attijiet tal-ġudizzju tal-jattanza (ċitaz. 466/57) a fol. 11, il-konsulent legali tal-kontroparti kien irrikonoxxa dik iċ-ċitazzjoni bħala deduzzjoni tal-pretensjoni; tant li l-ġudizzju tal-jattanza tħalla "sine die". L-eċċezzjoni tal-inkompetenza indi sollevata (fol. 56 ċitaz. 769/57) ma kienetx taffetta l-forma jew il-lokuzzjoni taċ-ċitazzjoni. Għalhekk, fl-imminenza tal-għeluq tat-terminu sagħtejn u nofs oħra, kien ikun aġir prudenti kieku l-appellant ippreżenta ċ-ċitazzjoni billi jispekkja ruħu fuq l-oħra ċeduta minħabba l-eċċezzjoni tal-inkompetenza;

Din il-Qorti taħseb li l-fatt li l-appellant naqas milli, jew jippreżenta rikors għall-proroga, jew jippreżenta ċ-ċitazzjoni non ostante l-mankata ispezzjoni tal-ittri "de quibus", jikkostitwixxi fiċ-ċirkustanzi tal-każ, u in vista

*tal-imminenza tal-konsegwenzi, indubbjament kbar, tal-għeluq tat-terminu, inkurja gravi;*

Ġie ritenut fil-ġurisprudenza ngliża illi "failure to issue a writ within a statutory time limit" jinvolvi "civil liability' (ara t-test "Professional Negligence" ta' J. P. Eddy, p. 42); kif ġie wkoll ritenut f'materja analoga li "the omission to take proper steps for renewing a writ...... is evidence of actionable negligence" (Hunter v. Caldwell, 10 Q.B. 69, 83; 16 L.J., Q.B. 274); s'intendi meta ma jkunx hemm raġuni li tiskaġuna. F'dan il-każ, din il-Qorti qegħda tirritjeni li, anki jekk wieħed ke'lu jabbwona favur l-appellant li, b'xi mod, hu ma kellux tort li jistenna sal-aħħar ġurnata biex jara l-proċess li kien ġa talab qabel, però, fi kwalunkwe każ, kienet inkurja gravi da parti tiegħu li fis-sitwazzjoni kritika kreata fin-nofs sigħa tal-aħħar ġurnata tat-terminu hu għall-anqas ma għamelx waħda mill-proċeduri fuq delineati in salvagwardja tad-drittijiet tal-klijent tiegħu, imma abbanduna l-kamp u avventura ruħu għal proċedura perikoluża u għar-riskju tad-domanda għar-restituzzjoni "in integrum". Sagħtejn u nofs kien żmien altru li biżżejjed biex l-appellant jagħmel jew waħda jew l-oħra minn dawk il-proċeduri — it-tnejn ta' faċli spedizzjoni;

Fin-nota tiegħu fol. 75 l-appellant allega gratuwitament li bejn is-sagħtejn u t-tlieta ta' wara nofsinhar tal-ġurnata in kwistjoni hu fittex għal ta' xejn prokuratur legali fir-Reġistru, iżda ma kienx hemm ħlief il-prokuratur Benedict *Dingli li kien prekluż milli* jiffirma l-att peress li kien jidher għall-Kurunell Mallia. Iżda l-istess appellant ma azzardax imur aktar il-bogħod minn hekk u jidher mill-istess nota tiegħu, fol. 75, li l-P. L. Dingli ma hux pront jikkonferma din l-allegazzjoni tal-appellant. Di più, hu ta' importanza massima li l-konvenut fix-xhieda tiegħu ċirkostanzjata fol. 30 et seq., meta ġie għal dak li ġara fil-ġurnata li fiha kien jiskadi t-terminu, fol. 31 u 32, wasal biss san-nofs sigħa ta' dik il-ġurnata, u minn nofs sigħa mar dritt għall-għada. Kieku l-appellant ittanta jippreżenta *rikors għall-proroga, u ma* sabx prokuratur legali, żgur li kien isemmi din iċ-ċirkustanza proprju f'dan il-punt

tad-depożizzjoni tiegħu; għax kienet tkun l-aktar ħaġa naturali li, fis-sekwenza dettaljata tal-akkadut li hu kien qed jagħti, hu jgħaddi biex isemmi fatt simili. Dan ap-parti li ma hux kredibbli li ma jkunx hemm prokuratur legali fl-edifiċċju tal-Qorti bejn in-nofs sigħa u t-tlieta ta' wara nofs inhar, meta jittieħdu d-differimenti tal-kawżi, u meta jkunu sejrin isiru s-seduti tal-perizji wara nofs inhar; kif lanqas hu kredibbli li f'dak l-intervall l-appellant ma setgħax jikkommunika urġentement ma' xi prokuratur legali, fl-uffiċċju ta' dan jew fid-dar tiegħu, u jistaqsieh biex jiffirmalu r-rikors;

Il-Qorti taħseb li l-asserzjonijiet gratwiti fol. 75 ma humiex ħlief "arriere pensee' wara l-osservazzjonijiet tal-perizja fol. 64;

Kwantu għall-osservazzjoni tal-appellant fol. 95 tergo, fis-sens li kien imisshom jinstemgħu provi "prima facie" tad-dannu qabel ma ssir id-deklaratorja, din hi inattendibbli; għaliex deklaratorja simili ma tippreġudikax bl-ebda mod il-kwistjoni tal-eżistenza, tal-kwantità, u tal-kwalità tad-danni (Kollez. Vol. XXIX-II-331);

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

U tordna li l-proċess jiġi rinvijat lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni.